IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2013
SWD(2013) 99 final

Part 1

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT dwar l-adattar tal-qafas legali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għat-Trattat ta' Lisbona

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW u TAL-KUNSILL

DWAR L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI U T-TAĦRIĠ FL-INFURZAR TAL-LIĠI (EUROPOL) U LI JĦASSAR ID-DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL 2009/371/ĠAI U 2005/681/ĠAI

{COM(2013) 173 final}
{SWD(2013) 98 final}
{SWD(2013) 100 final}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT dwar l-adattar tal-qafas legali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għat-Trattat ta' Lisbona

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW u TAL-KUNSILL

DWAR L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI U T-TAĦRIĠ FL-INFURZAR TAL-LIĠI (EUROPOL) U LI JĦASSAR ID-DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL 2009/371/ĠAI U 2005/681/ĠAI

L-Artikolu 88 tat-TFUE jipprovdi għal bażi legali ġdida għall-Europol (regolament) u għall-iskrutinju tal-attivitajiet tagħha mill-Parlament Ewropew flimkien mal-parlamenti nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Programm ta' Stokkolma[1] saħaq li l-kriminalità organizzata saret aktar globalizzata, li l-ġlieda kontriha teħtieġ, fost affarjiet oħra, skambju sistematiku ta' informazzjoni u appella biex il-Europol issir "ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, fornitur ta' servizzi u pjattaforma għas-servizzi tal-infurzar tal-liġi"[2].

Studju ta' evalwazzjoni li sar jikkonferma li l-Europol iżżid il-valur għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u għandha sistema ta' regolamenti b'saħħitha ta' protezzjoni tad-dejta. Madankollu, dan identifika numru ta' oqsma fejn jinħtieġ titjib biex il-Europol tkun tista' tissodisfa l-għanijiet tal-Programm ta' Stokkolma.

Din ir-riforma hija maħsuba biex tifforma parti minn pakkett usa' li jinkludi proposta għal fużjoni tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija jew is-"CEPOL" mal-Europol u għall-implimentazzjoni ta' Skema ta' Taħriġ Ewropea għall-Infurzar tal-Liġi (LETS) għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.

Fl-aħħar nett, bir-riforma tal-Europol il-Kummissjoni hija impenjata li tapplika l-livelli ta' governanza maqbula flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill f'Lulju 2012 fi ħdan l-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE[3].

Fit-tħejjija ta' din l-istima tal-impatt, il-Kummissjoni kkonsultat il-gruppi tal-partijiet interessati ewlenin kollha.

---

1 Il-Programm ta' Stokkolma: Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1 – 38

2 Il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Kummissjoni biex "teżamina kif jista' jiġi żgurat li l-Europol jirċievi informazzjoni mill-awtoritajiet tal-infurmzar tal-Istati Membri sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ tal-kapaċitajiet tal-Europol".

3 http://europa.eu/agencies/documents/joint_statement_and_common_approach_2012_en.pdf

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Networks kriminali u terroristiċi mifruxa fuq skala kbira huma ta' theddida sinifikanti għas-sigurtà interna tal-UE. Is-servizzi nazzjonali tal-infurzar tal-liġi ma jistgħux jibqgħu jaħdmu weħidhom u jeħtieġ li jikkooperaw.

Il-ħolqien ta' spazju komuni mingħajr fruntieri interni, u l-integrazzjoni ulterjuri tal-Unjoni Ewropea kienu ta' benefiċċju kbir għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE; huma kellhom ikunu akkumpanjati minn rinfurzar ta' miżuri ta' sigurtà għall-indirizzar tal-kriminalità transfruntiera. L-istabbiliment tal-Europol – l-Aġenzija tal-UE mfassla biex tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE biex jikkoperaw aħjar bejniethom – huwa strumentali f'dan ir-rigward.

L-Europol tipprovdi assistenza lill-forzi tal-pulizija nazzjonali, notevolment bl-iffaċilitar tal-**kondiviżjoni ta' informazzjoni kriminali**. Hija tipproduċi **analiżi operazzjonali** li tgħin lis-servizzi tal-infurzar tal-liġi f'investigazzjonijiet transnazzjonali. Hija toffri **assistenza operattiva** (kompetenza) li ssostni investigazzjonijiet transfruntieri jew tikkoordinahom; tagħti sostenn finanzjarju f'investigazzjonijiet dwar l-iffalsifikar tal-euro. Tipprovdi wkoll **analiżi strateġika fil-forma tal-valutazzjonijiet tat-theddid.** Il-Europol **la għandha kapaċitajiet investigattivi awtonomi u lanqas poteri ta' impożizzjoni**.

1.1. Id-Deskrizzjoni tal-Problema

Il-Kummissjoni identifikat bosta nuqqasijiet li qed iwaqqfu lill-Europol milli ssir ċentru ta' skambju tal-informazzjoni bejn l-uffiċjali għall-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri.

PROBLEMA NRU 1

1.1.1. L-Istati Membri ma jipprovdux lill-Europol bl-informazzjoni kollha neċessarja fil-ġlieda kontra reati kriminali transfruntieri serji

L-UE ħadet inizjattivi - kemm leġiżlattivi kif ukoll finanzjarji - sabiex tippromwovi l-iskambju tal-informazzjoni fil-qalba tal-politiki tagħha fil-qasam tal-affarijiet interni. L-Europol tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri għall-ġbir tad-dejta u l-intelligence. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tobbliga lill-Istati Membri **biex jipprovdu lill-Europol b'dejta** li taqa' fi ħdan il-mandat tagħha.

Madankollu, l-Istati Membri ma jagħtux lill-Europol l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-ġlieda kontra l-kriminalità jew inkella ma jagħmlux dan f'waqtu. Hemm ukoll diskrepanzi importanti bejn l-Istati Membri fl-għoti ta' tagħrif. Diversi statistiċi jikkonfermaw dan.

Il-**mottivi** li huma l-kawża ta' dan huma:

- **Nuqqas ta' preċiżjoni fid-dispożizzjonijiet legali eżistenti:** L-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu d-dejta mhux formulat b'mod espliċitu, u għalhekk jitħalla lok għal interpretazzjonijiet kontradittorji u għal dubji dwar it-tip, il-livell ta' detall u l-firxa ta' informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Europol. Xi Stati Membri lanqas biss ma jirrikonoxxu l-eżistenza ta' obbligu.

• **Fatturi soċjoloġiċi u kulturali: Konoxxenza limitata, nuqqas ta' għarfien, kultura fost il-pulizija** li minħabba fiha l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jħossu li għandhom ikunu **kawti fejn jidħol l-iskambju tal-informazzjoni**.

• **Fatturi organizzattivi:** hemm xi fatturi organizzattivi li jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni u l-effikaċja tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (ENUs), li huma stabbiliti f'kull Stat Membru biex ikunu l-punt ta' kuntatt għall-Europol.

In-nuqqas ta' rieda li tiġi trażmessa l-informazzjoni ma tħallix il-Europol tidentifika rabtiet ma' fenomeni ta' kriminalità f'pajjiżi oħra u li jkollha stampa preċiża ta' intelligence dwar il-kriminalità madwar l-UE, ħaġa li, kieku, tippermettilha tikkoordina l-azzjoni investigattiva li ssir mill-Istati Membri. Bħala riżultat, peress li l-Istati Membri ma jarawx biżżejjed valur miżjud f'dak li ssib il-Europol, ikunu dejjem anqas motivati li jipprovdu informazzjoni lill-Aġenzija.

PROBLEMA NRU 2

1.1.2. Il-Limitazzjonijiet fuq l-ipproċessar tad-dejta

Il-Europol tiġġestixxi bosta databases li jassistu lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transkonfinali serja u t-terroriżmu. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Europol tiddefinixxi minn qabel b'mod strett dawn id-databases u tagħtihom skopijiet differenti, regoli differenti dwar min jista' jkollu aċċess għalihom u dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà.

Is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (l-EIS) hija database ta' referenza użata għal skopijiet ta' kontroanaliżi. Ir-Reġistri ta' Ħidma ta' Analiżi (AWE) huma databases għal skopijiet operattivi analitiċi u jservu ta' għajnuna f'investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin. Dawn jikkombinaw dejta oġġettiva użata għall-identifikazzjoni mal-intelliġenza. Wieħed mir-reġistri AWF jikkonċerna l-kriminalità serja u organizzata (magħruf bħala SOC), u l-ieħor jikkonċerna t-terroriżmu (magħruf bħala CT).

L-Istat Membru li jipprovdi d-dejta huwa l-propjetarju tagħha. Huwa jiddeċiedi l-iskop li għalih tkun trażmessa lill-Europol (għal skopijiet ta' referenza sempliċi fl-EIS, jew għal finijiet ta' analiżi speċifiċi f'xi wieħed mid-diversi AWF); barra minn hekk, jista' jiddeċiedi min jista' jkollu aċċess għaliha u liema użu jista' jsir minnha ("il-prinċipju tal-sjieda ").

Hija biss kontroanaliżi sempliċi li hija possibbli minn database għall-ieħor (il-verifika dwar jekk xi element ta' dejta ikunx preżenti f'database ieħor). Mhux permess li analist tal-Europol jagħmel rabta ta' informazzjoni bejn database u ieħor, sakemm ma jirċevix awtorizzazzjoni minn dawk kollha li jkunu pprovdew din id-dejta għal database li għalih ma jkollu ebda aċċess. Fil-prattika dan jieħu minn ftit ġimgħat sa ftit xhur.

Hija biss ir-rabta bejn elementi ta' dejta (l-iskoperta ta' relazzjonijiet bejn id-dejta) li tippermetti lill-analist li jevalwa kemm hi relevanti għalih l-informazzjoni u tagħti sens lill-informazzjoni dwar organizzazzjonijiet kriminali jew terroristi, pereż. xi ipoteżi dwar ir-rwol tal-awtur individwali fil-ġerarkija ta' grupp kriminali involut kemm fil-kriminalità serja kif ukoll fit-terroriżmu (pereż. il-kuntrabandu tad-droga jew tal-armi biex jingħata sostenn lil attivitajiet terroristiċi). Mingħajr ma jiġu skoperti rabtiet, ma hemm l-ebda analiżi kriminali.

Minħabba dan kollu ma tistax issir analiżi effiċjenti u jinħoloq dewmien fl-identifikazzjoni ta' xejriet u ta' mudelli fl-attivitajiet kriminali. Il-Europol ma tistax tipproduċi rapporti ta' intelligence dwar il-kriminali, it-terroristi u r-rabtiet tagħhom, ħaġa li tista' tkun neċessarja fl-investigazzjonijiet tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, dejta mibgħuta minn Stat Membru tista' tkun intenzjonata kemm biex tiġi kondiviża fl-EIS kif ukoll biex tkun analizzata fl-AWFs. Is-separazzjoni teknika timplika li d-dejta trid tinħażen mill-inqas darbtejn (jew tliet darbiet) b'obbligi duplikati għas-sid tad-dejta kif ukoll għall-Europol li jmantnu d-dejta (jaġġornawha, iħassruha), kif ukoll li jeżisti r-riskju li jinbtu differenzi bejn settijiet ta' dejta li oriġinarjament kienu ugwali.

1.2. IX-XENARJU TA' BAŻI

L-istabbiliment ta' skrutinju tal-Europol mill-Parlament Ewropew u mill-parlamenti nazzjonali jżid is-sens ta' responsabbiltà tagħha iżda ma jkollux impatt fuq l-intenzjoni li l-Europol issir ċentru ta' informazzjoni għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Il-livell ta' forniment ta' informazzjoni għandu jkompli jikber, iżda jibqgħu d-diskrepanzi fost l-Istati Membri. Fejn tidħol l-amministrazzjoni tad-dejta, il-ħażna tad-dejta f'databases li jkunu teknikament separati se tkompli tillimita l-kapaċità tal-Europol li tipprovdi rapporti analitiċi komprensivi lill-Istati Membri, speċjalment dwar ir-rabtiet bejn gruppi ta' kriminalità organizzata u netwerks terroristiċi. L-analisti tal-Europol ma jkunux jistgħu jiskopru rabtiet fost l-informazzjoni dwar il-kriminalità organizzata u n-netwerks terroristiċi (maħżuna fid-diversi AWFs u l-EIS). Jibqa' jeżisti d-dewmien fl-identifikazzjoni ta' xejriet u mudelli f'dan il-kuntest. Tibqa' teżisti l-possibbiltà ta' ħżin tad-dejta multiplu fi tnejn jew tliet postijiet.

2. OBJETTIVI TA' POLITIKA

L-objettiv ġenerali tar-riforma tal-Europol: biex tiżdied is-sigurtà tal-UE billi l-Europol issir ċentru għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri sabiex tappoġġjahom aħjar fil-prevenzjoni ta' reati kriminali transkonfinali serji u terroriżmu, u l-ġlieda kontrihom.

L-objettivi speċifiċi u operattivi

1. Biex tiżdied il-provvista ta' informazzjoni lill-Europol mill-Istati Membri

(a) Biex jiżdiedu l-ammont u l-kwalità tal-informazzjoni pprovduta lill-Europol mill-Istati Membri

(b) Biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-livell ta' għoti ta' informazzjoni mill-Istati Membri

2. Biex jiġi stabbilit ambjent ta' pproċessar tad-dejta li jippermetti lill-analisti tal-Europol jassistu bis-sħiħ l-Istati Membri fil-prevenzjoni ta' reati kriminali transkonfinali serji u terroriżmu, u l-ġlieda kontrihom

(c) Biex jiġi żgurat li l-analisti tal-Europol ikunu jistgħu jiskopru rabtitet fost l-elementi kollha relevanti tad-dejta, u jagħmlu analiżi tagħhom;

(d) Biex jitnaqqas id-dewmien fl-identifikazzjoni ta' xejriet u mudelli;

(e) Biex titnaqqas il-ħażna multipla ta' dejta.

3. L-GĦAŻLIET TA' POLITIKA

3.1. Alternattiva 1: Xenarju ta' bażi/"Lisbonizzazzjoni pura"

Sabiex jinġabru aktar kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri l-Europol, f'kooperazzjoni ma' CEPOL u mal-Kummissjoni, se tkompli għaddejja b'"miżuri ħfief" – it-tqajjim ta' kuxjenza fil-forma ta' preżentazzjonijiet fuq il-post, il-promozzjoni permezz ta' taħriġ ta' prattiki tajbin tal-ENUs.

Il-bini tal-analiżi jkun jiddependi fuq databases separati b'possibilitajiet limitati ta' rbit u ta' analiżi ta' dejta mxerrda madwar databases differenti.

3.2. Alternattiva 2: Isiru emendi leġiżlattivi ulterjuri permezz tar-regolament tal-Europol

A. L-għoti ta' informazzjoni mill-Istati Membri

A.1 It-tisħiħ tal-obbligi u l-introduzzjoni ta' inċentivi

Ir-regolament ser jipprovdi għal:

- aktar ħolqien ta' kuxjenza;
- kjarifika tad-dispożizzjoni legali dwar l-obbligu li tiġi pprovduta dejta: L-Istati Membri jkunu obbligati li jaqsmu d-dejta kollha li taqa' taħt il-mandat tal-Europol u partikolarment dik fil-fatt skambjata ma' Stat Membru ieħor. Biex tinkiseb il-prijoritizzazzjoni, l-obbligu jkun iffukat fuq informazzjoni dwar il-kriminalità li tkun ġiet identifikata bħala prijorità tal-UE fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE dwar il-kriminalità internazzjonali organizzata u serja;
- monitoraġġ ta' kif l-Istati Membri jirrispettaw l-obbligu: Il-Europol se tissottometti rapport annwali lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni mill-Istati Membri individwali u l-prestazzjoni tal-ENUs;
- inċentivi finanzjarji lill-Istati Membri – ir-Regolament jestendi l-assistenza finanzjarja li ssostni l-investigazzjonijiet tal-Istati Membri f'oqsma ta' kriminalità minbarra l-iffalsifikar tal-euro.

A.2. L-għoti ta' aċċess lill-Europol għal databases tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri

Permezz ta' aċċess għal databases nazzjonali tal-infurzar tal-liġi fuq il-bażi ta' "hit-no-hit", il-Europol tkun tista' tiskopri li Stat Membru jkun fil-pussess ta' informazzjoni rilevanti. Imbagħad, wara "hit", il-Europol tkun tista' titlob din l-informazzjoni. L-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu kontroll fuq id-dejta peress li tkun neċessarja l-awtorizzazzjoni tagħhom għat-trasferiment.

Din is-sistema tkun tirrekjedi arkitettura ġdida tal-IT: 1) sistema ta' kkunsinnjar li tibgħat mistoqsijiet lill-Istat Membru u li tiġbor it-tweġibiet dwar il-hits, 2) investimenti mill-Istati Membri biex jiġu riorganizzati d-databases tagħhom biex tiġi separata dejta li taqa' taħt il-mandat tal-Europol jew li titwaqqaf database ta' kkunsinnjar, kif ukoll biex jiġu pprovduti konnessjonijiet xierqa tal-IT.

B. Immaniġġar tad-dejta

B.1. L-amalgamazzjoni taż-żewġ AWFs f'wieħed

Taħt din l-għażla, iż-żewġ AWFs eżistenti jingħaqdu f'wieħed u l-EIS jibqa' separat.

B.2. Ambjent ġdid tal-ipproċessar

Ir-regolament tal-Europol ma jibqax aktar "orjentat lejn id-database". Huwa jistipula salvagwardji proċedurali għall-implimentazzjoni ta' prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta b'enfasi partikolari fuq il-"privatezza b'intenzjoni" u trasparenza sħiħa lejn l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Europol u tal-awtoritajiet superviżorji. Marbuta bil-"privatezza b'intenzjoni", il-Europol tieħu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti kollha ta' protezzjoni tad-dejta sa mill-bidu meta tkun qed tfassal l-ispeċifikazzjonijiet u l-arkitettura tas-sistemi u t-teknoloġiji ta' komunikazzjoni.

Hemm diversi soluzzjonijiet tekniċi biex jintlaħaq dan l-għan. Tkun xi tkun is-soluzzjoni segwita:

- Is-salvagwardji ta' protezzjoni tad-dejta jkunu marbuta mal-element u t-tip tad-dejta minflok ma' database predefinit;
- sabiex tiġi żgurata limitazzjoni tal-iskop il-fornitur tad-dejta jiddetermina mill-bidu l-iskop tal-operazzjoni ta' pproċessar li għalih id-dejta tiġi kondiviża mal-Europol (kontroverifiki, analiżi operattiva, analiżi ġenerali);
- L-informazzjoni kollha tkun kollha kemm hi viżibbli għall-analisti tal-Europol sakemm dan ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħha. Madankollu, l-imsieħba tal-Europol xorta jkunu intitolati li jimponu restrizzjonijiet fuq l-aċċess u l-użu minn oħrajn.

4. ANALIŻI TAL-IMPATT

4.1. Alternattiva 1: Xenarju ta' bażi/"Lisbonizzazzjoni pura"

It-tisħiħ tas-sigurtà fl-UE (0): Il-Europol jibqa' jkollha stampa frammentata tal-kriminalità fl-UE. L-Istati Membri ma jkunux megħjuna b'mod suffiċjenti.

Il-protezzjoni tad-dejta personali (0): l-ebda impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta personali, l-ebda impatt indirett pożittiv fuq id-dritt għall-ħajja.

Kosti (0): l-ebda kosti ġodda fil-konfront tas-sitwazzjoni preżenti

Alternattiva 2: Isiru emendi leġiżlattivi ulterjuri għar-regolament tal-Europol

4.1.1. L-impatti tal-għażliet taħt Opzjoni ta' Politika A

4.1.1.1. It-tisħiħ tal-obbligi u l-introduzzjoni ta' inċentivi addizzjonali (A1)

It-tisħiħ tas-sigurtà fl-UE (+++): impatt pożittiv fejn jidħlu nuqqasijiet u żieda kemm fil-volum kif ukoll fil-kwalità tat-tagħrif mibgħut mill-Istati Membri.

Attenzjoni partikolari għall-objettivi taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE u l-qsim ta' informazzjoni li huma jiskambjaw bilateralment tirriżulta fi fluss akbar ta' dejta lejn il-Europol dwar l-akbar theddidiet.

Il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-ENUs u l-għoti ta' informazzjoni minn kull Stat Membru toħloq pressjoni bejn il-pari. Dan jinkoraġġixxi l-prattiċi tajba, inkluż dwar organizzazzjoni effikaċi tal-ENUs, it-tkattir tal-għarfien u t-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-ENUs u l-infurzar tal-liġi nazzjonali.

Jekk l-investigazzjonijiet transkonfinali jirċievu appoġġ finanzjarju, dan għandu jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvolvu aktar il-Europol.

Jeżistu diversi suċċessi fejn jidħol l-iffalsifikar bħala turija ta' dan.

Il-protezzjoni tad-dejta personali (0): l-ebda impatt fil-konfront tax-xenarju ta' referenza.

Kosti (--):

Għall-baġit tal-UE:

- il-kosti għal 6 membri tal-persunal biex jittrattaw l-ammont akbar ta' dejta li tiġi pprovduta
- Appoġġ finanzjarju għall-investigazzjonijiet tal-Istati Membri lil hinn mill-iffalsifikar tal-euro li jammonta għal EUR 800 000 fis-sena (bbilanċjat mill-qtugħ ta' xi attivitajiet tal-Bord ta' Tmexxija tal-Europol).

Għall-baġits nazzjonali:

- l-ebda kosti materjali.
- Il-kosti għall-Istati Membri għal taħriġ ta' darba ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li jittrattaw reati kriminali transkonfinali serji: EUR 600 000 jew EUR 3m jew EUR 6m
- Fuq bażi każ b'każ, riorganizazzjoni possibbli tal-ENUs.

Benefiċċji: Żieda fl-effettività tal-ġlieda kontra kriminalità transkonfinali serja – miljuni ta' EUR bejn l-2015 u l-2020

4.1.1.2. Il-Europol tingħata aċċess għal databases tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri (A2)

It-tisħiħ tas-sigurtà fl-UE (+++): iwassal biex jingħelbu l-problemi ta' nuqqas ta' għarfien, ta' ENUs ineffettivi jew ta' għarfien batut mill-Istati Membri. L-Istati Membri jżommu l-kontroll fuq id-dejta peress li jkunu huma li jawtorizzaw it-trasferiment.

Jibda jasal għand il-Europol ammont ikbar ta' informazzjoni aktar rilevanti, u b'hekk din tkun tista' toffri prodotti ta' kwalità aqwa lill-Istati Membri.

Il-protezzjoni tad-dejta personali (0) Xejn. L-aċċess ikun abbażi ta' hit-no-hit. Biex tirċievi l-kontenut tal-informazzjoni l-Europol tkun trid titlob lill-Istat Membru. Qabel it-trażmissjoni l-Istat Membru jara li jkollu f'posthom is-salvagwardji kollha tal-protezzjoni tad-dejta.

Kosti (---):

Għall-baġit tal-UE:

(1) investiment ta' darba ta' EUR 1,78 m u

(2) investimenti rikorrenti ta' EUR 1,46 m kull sena.

Kosti għall-baġits tal-Istati Membri:

- EUR 660 000 investimenti ta' darba għall-adattament tas-sistemi tal-IT tagħhom u l-konnessjoni mas-sistema ta' twassil;
- Investimenti rikorrenti ta' EUR 1,2m kull sena;
- Fuq bażi każ każ, kosti possibbli għal żieda ta' membru (1) jew tnejn (2) fil-persunal.

4.1.2. L-impatti tal-opzjoni ta' politika B

4.1.2.1. L-amalgamazzjoni taż-żewġ AWFs f'waħda (B1)

It-tisħiħ tas-sigurtà fl-UE (+++): Dan ikun ifisser potenzjalment l-identifikazzjoni aktar malajr ta' tendenzi, xejriet u rabtiet bejn gruppi kriminali involuti wkoll fit-terroriżmu.

Bis-saħħa tat-twessigħ tal-ambitu ta' AWF biex ikopri kemm il-kriminalità organizzata serja kif ukoll it-terroriżmu, l-analisti tal-Europol se jkunu jistgħu jivviżwalizzaw ir-rabtiet kollha bejn l-elementi ta' informazzjoni mogħtija lill-AWF amalgamata. Ir-rabta ta' dejta mis-sistema tal-EIS ma' dik fl-AWF xorta tkun għadha mhix possibbli. Tibqa' teżisti l-ħażna multipla ta' dejta.

Il-protezzjoni tad-dejta personali (0): Ma jkun hemm l-ebda impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta personali meta mqabbel mal-linja bażi billi din l-għażla hija sempliċi estensjoni tas-sistema attwali.

Kosti (0): Il-kosti jkunu minimi peress li ż-żewġ AWFs li jiġu amalgamati huma sostnuti mill-istess soluzzjonijiet teknoloġiċi. Dawn ikunu jistgħu jitħallsu mill-baġit tal-IT tal-Europol. L-investimenti u x-xogħol ta' konsulenza meħtieġa saru bit-tħejjija tal-amalgamazzjoni riċenti ta' 23 AMFs fi tnejn, għalhekk ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw ir-riżultati ta' dan.

4.1.2.2 Ambjent ġdid ta' pproċessar (B2)

It-tisħiħ tas-sigurtà fl-UE (+++): L-analisti tal-Europol ikunu jistgħu jorbtu u janalizzaw id-dejta kollha li tkun meħtieġa għalihom. Dan jippermetti lill-Europol biex tibni pont bejn l-aspetti kollha tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Fi ħdan ambjent wieħed ta' pproċessar, il-Europol tkun tista' tidentifika, tanalizza u tiddefinixxi aħjar l-istrutturi li jorbtu l-gruppi tal-kriminalità organizzata u n-netwerks terroristiċi, pereżempju permezz tat-traċċi finanzjarji.

L-impatti fuq il-protezzjoni tad-dejta personali (0): Ikun japplika tal-anqas l-istess livell ta' protezzjoni tad-dejta bħal fil-linja bażi.

L-impatt fuq il-Kosti (0): Din l-opzjoni ma tkun tinvolvi l-ebda nefqa addizzjonali immedjata meta mqabbla mal-linja bażi.

5. L-GĦAŻLA TA' POLITIKA PREFERUTA

L-opzjonijiet ta' politika ppreferuti huma l-Opzjoni 2 (aktar tibdil leġiżlattiv) li tikkonsisti mill-Opzjonijiet A1 u B2.

- Bis-saħħa ta' inċentivi u t-tisħiħ tal-obbligu li tingħata aktar informazzjoni, l-Istati Membri jkollhom aktar ċarezza u jkollhom motivazzjoni akbar biex jibagħtu dejta.
- Ir-regoli l-ġodda dwar il-ġestjoni tad-dejta tippermetti lill-analisti tal-Europol sabiex ikollhom aċċess għall-informazzjoni kollha li jkunu jeħtieġu, biex jistabbilixxu rabtiet bejn elementi ta' informazzjoni u biex ikunu jistgħu jidentifikaw xejriet u mudelli. Il-Europol toffri prodotti aktar rilevanti u aġġornati biex tassisti lill-Istati Membri. Ma jkun hemm l-ebda ħażna multipla ta' dejta.

Fir-rigward tal-kosti:

- l-appoġġ finanzjarju offrut mill-Europol lil investigazzjonijiet tal-Istati Membri jkun jeħtieġ EUR 800 000 fis-sena, biex tintlaħaq il-massa kritika ta' finanzjament. Dawn il-fondi jinstabu billi jiġi riprijoritizzat il-baġit tal-Europol.
- Il-persunal totali li l-Europol teħtieġ biex timplimenta din ir-riforma jkun ta' 6 FTEs li huma meħtieġa biex jiġi mmaniġġjat l-ammont akbar ta' informazzjoni li jidħol mill-Istati Membri. Tliet membri tal-persunal jiġu riallokati; ikun meħtieġ li jiġu impjegati tlieta oħra. Il-kosti totali fejn jidħol il-persunal f'dak il-każ jilħqu EUR 1.77m fil-perjodu bejn l-2015 u l-2020. Madankollu, madwar żewġ terzi minn dawn il-kosti jkunu bilanċjati minn iffrankar li jsir bis-saħħa tal-amalgamazzjoni ma' CEPOL.
- Mhux ser ikun hemm kosti immedjati minħabba regoli ġodda dwar il-ġestjoni tad-dejta.